MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1728/2000/1

Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurati taghha Godfrey u Carmen konjugi Cassar abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni u tal-ligi u l-istess Godfrey u Carmen konjugi Cassar
vs
Anton Schembri

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici nomine li biha ppremettiet:

1. Illi waqt li Bjorn Cassar kien qed isuq il-vettura tal-assigurati tas-socjeta` attrici, tal-marka Opel Astra bin-numru BJN081, f'Independence Avenue, Mosta, fis-27 ta' Ottubru 1999, hija kienet sfat involuta f'incident awtomobilistiku mal-vettura misjuqa mill-konvenut, tal-marka Volkswagen Golf bin-numru IAF352.

2. Illi dan l-incident kien gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, non-curanza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

3. Illi b'rizultat ta' dan l-incident l-atturi kienu sofrew danni ammontanti ghal Lm1714.66 (elf seba' mija u erbatax-il lira u sitta u sittin centezmu).

4. Illi s-socjeta` attrici abazi tal-polza ta' assigurazzjoni li kellha mal-assigurati taghha kienet ikkompensathom tad-danni li dawn kienu sofrew b'rizultat tal-imsemmija kollizjoni u ghalhekk kienet surrogata fid-drittijiet taghhom abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi.

5. Illi meta l-konvenut kien gie mitlub jikkompensa lis-socjeta` attrici dan ma kien ghamel assolutament xejn u kien qieghed jirrifjuta li jaccetta r-responsabbilita` tal-istess.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

(1) tiddikjara li din il-kollizzjoni grat tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imprudenza, traskuragni, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u non-curanza tal-konvenut;

(2) tillikwida d-danni totali fis-somma ta' Lm 1714.66 (elf seba' mija u erbatax-il lira u sitta u sittin centezmu), jew somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi u (3) tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm 1689.66 u lill-atturi l-ohra s-somma ta' Lm25 bhala excess, kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tal-pagament u bl-ispejjes komprizi dawk ta' Lm10 ghall-konsult u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mac-citazzjoni kontra s-socjeta` assiguratrici tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. Illi l-pozizzjoni okkupata mill-attur riedet tigi kjarifikata.

2. In-nuqqas da parti tal-atturi konjugi Cassar li jikkonfermaw bil-gurament taghhom dik il-parti tad-dikjarazzjoni li tikkoncerna lilhom.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost referibbilment ghall-ewwel talba attrici din kienet infondata sia fil-fatt u sia fid-dritt u kellha tigi michuda bl-ispejjez stante li tant il-konvenut ma kienx responsabbli ghall-incident '***de quo'*** li l-istess agent tas-socjeta` attrici ossia England Insurance Agency Limited kienu assumew ir-responsabbilta` f'isem l-assigurati taghhom ossia l-atturi l-ohra l-konjugi Cassar b'ittra datata 19 ta' Novembru (Doc EG1) u ghalhekk it-talbiet attrici kienu frivoli u vessatorji.

4. Illi relattivament ghat-tieni talba attrici, dina wkoll kellha tigi michuda bl-ispejjez stante li kien isegwi li ma kienx hemm danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-konvenut.

5. Illi, relattivament ghat-tielet talba attrici dina wkoll kellha tigi michuda bl-ispejjes stante li kien isegwi li ma kienx hemm danni li ghalihom kellu jigi kundannat li jaghmel fronti.

6. Illi l-konvenut kien ghamel ferma oppozizzjoni ghall-kontenut tal-hames (5) paragrafu tac-citazzjoni attrici u tad-dikjarazzjoni hemm annessi billi ma kienux jirriflettu l-veracita` tal-fatti, kienu erronji, frivoli u vessatorji.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat il-verbal tas-16 ta’ Mejju, 2001 fejn giet irtirata t-tieni eccezzjoni tal-konvenut.

Rat il-verbal tal-5 ta’ Lulju 2001 fejn giet irtirata l-ewwel eccezzjoni.

Semghet bil-gurament lil David Vassallo li huwa surveyor. Zmien ilu kien ghamel survey fuq il-vettura Opel Astra BGN081 li kellha hsara fuq quddiem u kellhom jinbidlu diversi partijiet. Hu esebixxa kopja tas-survey tieghu. Fis-survey hemm il-*labour costs* pero` ma hemmx indikat il-parts minhabba li dan jiddependi minn fejn jinxtraw. Hu qatt ma ra l-vettura IAF352.

Semghet bil-gurament lil PS 614 Saviour Garzia li huwa stazzjonat l-ghassa tal-Qawra. Hu kien mar jinvestiga l-kollizjoni li kienet grat f’Independance Avenue, l-Mosta, u hemmhekk sab Opel Astra BJN081 misjuqa minn Bjorn Cassar u l-vettura IAF352 misjuqa minn Anton Schembri. Is-sewwieq ta’ BJN081 qallu li kien qed isuq Independence Avenue fid-direzzjoni tal-kappella ta’ San Silvestru li hemm fl-istess triq, ghamel brake u skiddja fuq in-nida qawwija li kien hemm dak il-hin u habat ma’ vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta. Is-sewwieq l-iehor kien qallu li waqt li kien qieghed jistenna biex idur ghal side street li qeghda f’Independance Avenue bl-isem ta’ Triq id-Dawl meta giet il-vettura mid-direzzjoni opposta baqghet diehla fih. Kien qieghed f’ Independence Avenue wieqaf qed jistenna u kien qallu li kien gej mid-direzzjoni tal-Knisja ta’ San Silvestru precedentement. Dan ifisser li precedentement kien gej minn naha ta’ Hal-Lija. Ezebixxa l-Accident Report u l-iskizz relattiv li kien gie preparat

minnu. Qal li dak il-lejl kien hemm hafna nida u l-art kienet tizloq hafna. Il-vetturi sabhom fil-pozizzjoni kif indikati fl-iskizz, li qieghed ***to scale***.

Semghet bil-gurament lil Bjorn Cassar li qal li fis-27 ta' Ottubru 1999 kien qed isuq il-vettura BJN081 f' Independence Avenue u kien gej mix-xoghol sejjer lejn id-dar jigifieri kien gej min-naha tal-Mosta sejjer in-naha tal-Mtarfa. Hu kien wahdu fil-karozza. Hu kien qed isuq meta f' daqqa wahda ra karozza fil-lane tieghu. Hu zamm brake u l-karozza skiddjat minhabba li kienet in-nida. Sostna li ma kienx qed jaqbez l-40 km. L-ewwel darba li rah kien x' hin sabu f'nofs ta' triq tieghu u kien xi distanza ta' xi 10 metri. Dan kien ghall-habta tal-11.00 p.m. u kien ukoll ic-cpar. Id-dwal taz-zewg vetturi kienu mixghulin izda l-vettura l-ohra ma kellha ebda ***indicator*** mixghul. Il-karozzi spiccaw fil-pozizzjoni kif jidhru fl-iskizz ghax ix-xhud tah daqqa ohra b' wara.

Ix-xhud kien sejjer lejn il-kappella ta' San Silvestru jigifieri meta thares lejn l-iskizz min-naha tal-lemin ghax-xelluq kif hemm indikat. Skond ma kien qallu s-sewwieq l-iehor, hu kien gej minn Triq Tonna diehel ghal Triq id-Dawr pero` x-xhud l-ewwel li rah kien diehel fil-lane tieghu. Id-daqqa fuq il-karozza tieghu qalahha fuq il-***left side*** in-naha ta' quddiem. Peress li pprova jevitah minhabba li kienet in-nida l-karozza daret u tah daqqa ohra b'wara. Minn fejn kien gej ix-xhud hija triq dritta u ghandek distanza twila dritta. Hu gie jhares naha kompletament opposta. Ghall-bidu gie missier id-driver l-iehor u wara gie s-Surgent. L-***insurance*** hallset apparti l-***excess***. L-ghada informa lil tal-***insurance*** il-papa` tieghu, u hu ma kienx prezenti. Hu kien mar xi gimgha wara jkellem lil tal-insurance u hemm kellem lil certu Sean u lis-Sur England.

In kontro ezami qali li ma jiftakarx jekk iffirmax xi ***claim form*** jew xi dokument. Dak in-nhar kien hemm karozzi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq. Ma qabilx li jkunu jistghu jghaddu zewg vetturi fuq kull lane oltre dak ipparkjat fuq kull gemb. Dak in-nhar bic-cpar ma kontx tista' tara tul ta' aktar mill-awla. Ma kienx jaf jekk lis-Surgent kienx qallu bic-cpar. Meta ra l-karozza l-ohra din

kienet qedgha taqsam. Mistoqsi jekk il-karozza kenitx miexja jew wieqfa qal li jahseb li wieqfa kienet ghax jahseb li d-***driver*** tal-karozza l-ohra nhasad. Dan kien qieghed fil-***lane*** tieghu. Deherlu li quddiem kollu rah imkisser, zgur li kellu l-***windscreen*** imkisser. Wiehed minnhom kellu n-nuccali mkisser u naqra demm f' wiccu. Ikkonferma li kien ghaddej bl-40km fis-siegha.

Semghet bil-gurament lil Gabriella England li pprezentat is-***survey report*** li pprepara s-surveyor David Vassallo. Esebiet ukoll l-***interrogation form***.

Semghet bil-gurament lil Carmen Cassar li qalet li l-karozza in kwistjoni hija ***insured*** f'isimha. Hi kienet il-***policy holder*** u kienet insured mal-Middlesea Insurance. Ma kenitx certa jekk iffirmatx xi karti.

Semghet bil-gurament lil Godfrey Cassar li semma li hu mar hafna drabi ghand l-***insurance*** u hu kien baqa' jinsisti li t-tort mhux tat-tifel tieghu. Meta ghamlu l-claim kienu hallsu Lm25 excess.

Semghet bil-gurament lil Emanuel Galea Claims Manager ma' Micallef Insurance li fiz-zmien tal-incident kienet tirrapprezenta lil Independent Insurance li dak iz-zmien kienet kumpanija estera. Qal li Michael Schembri kellu polza ***comprehensive***. Wara l-habta mar fetah ***claim*** ufficjali ghad-danni li huwa sofra fil-vettura tieghu. Huma fethu l-file ghan-nom ta' Michael Schembri li kien il-***policy holder*** pero` d-***driver*** dak iz-zmien kien Anton Schembri, it-tifel tieghu. Kienu bdew in-negozjati ma' England Insurance rigward ir-responsabilta` ta' l-incident u kien hemm diversi kuntatti bejn ix-xhud u l-***claims officer*** ta' England Insurance li dak iz-zmien kien Sean Mifsud. Dan qal lix-xhud li kellem lis-Sur England id-direttur tieghu rigward ir-responsabbilta`. Wara diversi telefonati u kuntatti ma' xulxin, Sean qallu li kienu qeghdin jaccettaw it-tort pero` qallu ahjar jaghmillu xi haga bil-miktub u ghal dan ghamillu nota datata 19 ta' Novembru 1999. Meta ra hekk hu nforma lill-klijent taghhom Schembri li England Insurance kienu accettaw it-tort u kien kiteb lil England jekk hux se jhallsu huma lill-klijent jew ihallas hu taht il-

polza ***comprehensive***. Meta ghaddew ftit tal-granet u ra li ma kienx hemm pagamenti qal lis-Sur Schembri jmur l-ufficcju biex jiffirmalu d-***discharge form*** halli jhallsu huma mbaghad jirkupraw il-flus li jkunu hallsu lil England. Huma baqghu ma rcevew ebda flus minghand England Insurance u x-xhud rega' kkomunika ma Salvino Zammit li nfurmah li huma kienu illikwidaw mal-klijent u kienu ser jifthu kawza kontrihom. Ippreciza li fid-19 ta' Novembru ircevew konferma li England Insurance accettaw it-tort. Hu qatt ma nghata raguni ghaliex kienet inbidlet il-verzjoni u England Insurance ma baqghux jaccettaw it-tort.

Semghet bil-gurament lil Anton Schembri li semma li fis-27 ta' Ottubru kien qed isuq il-karozza IAF352 li qeghda fuq isem missieru u fiha kien hemm passiggier mieghu certu Ivan Fenech. It-temp dakinhar kien pjuttost imcajpar u l-art kienet pjuttost tizloq. Hu kien ghaddej f'Independence Avenue fid-direzzjoni lejn Birkirkara u gie biex idur ghal ***side street*** li qeghda fuq il-lemin. Hu kien qieghed lejn il-parti tal-lemin tat-triq u minn dik it-triq li ried jidhol fiha hu kien hemm karozza qisha ser tohrog. Hu qaghad jistennih johrog u minhabba fih ma setax imur fid-direzzjoni ta' fejn ried imur. Hu baqa' fejn kien waqt li l-iehor ma harigx u kienu weqfin it-tnejn. Ix-xhud kellu l-***indicator*** biex idur fuq il-lemin. F'daqqa wahda ra t-tielet karozza gejja tiskiddja quddiemu fid-direzzjoni ta' Birkirkara sejra lejn Ta' Qali, fid-direzzjoni opposta ghalih. Qal li din il-karozza principalment kienet fuq in-naha taghha pero` meta skiddja spicca anke fuq in-naha tieghu. Din il-karozza kienet Opel Astra griz skur. Hu kien fil-pozizzjoni dritta u l-karozza l-ohra laqtitu fuq ix-xellug, quddiem tal-karozza, b'mod li laqtet il-fanal u quddiem tal-karozza tieghu. Ma kienx jaf l-Opel fejn hadet id-daqqa. Il-hsarat kienu estensivi u l-habib tieghu kellu d-demm fuq wiccu. Mad-daqqa l-karozza li kien qed isuq imxiet ftit metri lura u spiccat lejn in-nofs tat-triq. Ma ftakarx fejn ezatt spiccat il-vettura tad-driver l-iehor pero` ftakar li quddiemu ftit 'il boghod minnu. Inizjalment kien ra l-vettura li kienet hierga mit-triq ta' fejn ried jidhol hu, kien hemm ic-cpar u ghall-ewwel il-vettura li kienet fin-naha gejja mid-direzzjoni opposta l-anqas biss kien raha. Fil-

fatt kien ilu sekondi biss jistenna sakemm l-iehor tah l-impressjoni li sejjer johrog.

In kontro ezami qal li qabel l-incident kien ilu xi erba' snin isuq. Hu ma harigx minn Triq Tonna izda minn Triq it-Torri biex mar ghal Vjal l-Indipendenza. Qal li meta ra lil tan-naha l-ohra gej jiskiddja kien qisu xi ghoxrin pied jew ftit iktar minhabba li c-cpar kien qawwi hafna dakinhar. Ikkonferma li kien qieghed wieqaf bl-i***steering*** miksur u kkonferma li l-karozza tieghu kollha kemm hi kienet fin-naha tieghu tat-triq. Ma setax jara l-linja tan-nofs b'mod li jkun cert li kien fin-naha tieghu. Dwar l-iskizz a fol 50 tal-process qal li bejn wiehed u iehor huwa tajjeb pero` l-posizzjoni tal-karozza tieghu forsi kienet tikka aktar lura.

Semghet bil-gurament lil <u>Salvino Zammit</u> li qal li hu jahdem mal-Middlesea Insurance plc. Fl-1999 kien ***Claims Manager*** ma' England Insurance. Ftakar li kien kellmu certu Sean li kien impjegat taghhom fuq il-kaz in kwistjoni u dan qallu li fil-fehma taghhom kellhom tort. Fl-14 ta' Dicembru 1999 kiteb lil Emanuel Galea ta' Micallef Insurance fejn accettaw it-tort u qed jattaccjaw ***cheque*** ta' Lm1500. Wara kellhom inkontru mal-klijent taghhom u rrizulta apparentement li hemm xi tahwida fil-karozzi meta saret il-kollizjoni, u ingibdet l-attenzjoni taghhom ukoll li l-karozzi mhux A u B kienu fl-iskizz u jidher li l-klijent ta' England ghan-nom ta' Middle Sea kien ghaddej fid-dritt. Allura mbaghad kien hemm diskursati wkoll fejn hu kien qal lil Emanuel Galea li ahjar jergghu jaraw l-affarijiet sewwa qabel ma jikkonkludu, u waqfu hemm. Ma dehrlux li kkonkludew ghax imbaghad telaq mill-kumpanija u ma jafx x'gara ezatt wara dak l-incident.

Qal li l-ittra in kwistjoni kienet giet ***drafted*** izda jekk intbaghtitx jew le ma ftakarx, u hemm ukoll l-original fil-file. Ezebixxa l-ittra li kienet indirizzata lis-Sur Galea u ma jafx jekk intbaghatitx jew le. Dwar id-diskussjoni jekk kellhomx imorru jigbru r-***wreck*** minghand il-***mechanic*** jew le qal li in segwitu li kienu nqalghu dawk l-izviluppi li rrefera ghalihom precedentement kien gie deciz li l-kaz ma jigix konkluz u ghalhekk ma marrux jigbru r-***wreck***.

Semghet bil-gurament lil Ivan Fenech li qal li dakinhar tal-incident kien id-dar tal-konvenut li kien iddecieda li jwasslu d-dar u telqu minn Tower Street fejn joqghod il-konvenut ghal Triq ir-Ruzinjol, u ghaddew minn Independence Avenue. Dakinhar kien hafna cpar. Gew biex jiksru ghal fuq il-lemin u kien hemm anki l-indicator mixghul u ftakar li kien hemm karozza li kienet hierga mis-side road. Hi mxiet ftit u waqfet. F’daqqa wahda semghu vettura gejja mid-direzzjoni opposta dejjem ta’ Independence Avenue u dina bbrekkjat, u s-sewwieq tilef il-kontroll ghax dar u baqa’ diehel go fihom. Mal-impatt il-karozza taghhom kienet wieqfa. Ikkalkula li kienu ilhom weqfin hames minuti qabel ma l-vettura l-ohra dahlet fihom. Id-distanza li kien hemm bejniethom u l-karozza li kienet qeghda tohrog kienet ta’ n-nofs tat-triq. Meta raw il-karozza l-ohra hierga mis-***side road*** kienu diga` weqfin. Mistoqsi kemm harget din il-karozza mis-***side street*** qal li forsi nofs metru, nofs rota u l-karozza kienet xi pied biss ‘il barra mill-i***stop sign*** tat-triq. Il-vizwali tieghu kienet tasal minn fejn kienu qeghdin san-naha l-ohra tat-triq imma mhux aktar. It-triq hemm hekk hi ***two way*** u inoltre hemm wisa’ ghal zewg karozzi biex jipparkjaw wahda fuq kull gemb plus il-bankina. Ma setax jghid jekk il-posizzjoni tal-karozza taghhom kenitx qeghda taqbez il-linja medjana tat-triq anke minhabba l-fatt li hu kien passiggier. Il-karozza taghhom kienet diga` ftit milwija fid-direzzjoni lejn il-lemin b’mod illi meta dahal fihom id-daqqa giet fuq ix-xhud u nfatti ghandu marka zghira fuq mohhu. Il-karozza kienet angolata izda wieqfa. Qal li kieku l-karozzi riedu jghaddu minn fuq in-naha tax-xellug taghhom setghu jghaddu ghax kien hemm il-***parking space*** tan-naha l-ohra li kien vojt.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi bazikament dak li jinkombi lil din il-Qorti tikkunsidra huma zewg aspetti principali u cioe` jekk is-socjeta` attrici kenitx assumiet ir-responsabbilta` tal-incident u jekk le ta’ min fil-fatt kienet ir-responsabbilta` tal-incident bejn Cassar u Schembri. Ghalhekk hu essenzjali li l-Qorti tibda billi tezamina jekk kienx hemm assunzjoni definittiva tar-responsabbilta` da parti tas-socjeta` attrici jew sussidjarja taghha u jekk tali assunzjoni ta’ responsabbilta` jekk

tirrizulta hix wahda valida b'mod li ma jkunx hemm aktar skop ghall-ezami tar-responsabbilta` tal-incident.

Jirrizulta li l-kollizjoni in kwistjoni grat fid-27 ta' Ottubru 1999 u li in segwitu Cassar u Schembri marru ghand l-***insurance agencies*** rispettivi taghhom, li kienu saru xi ***survey reports*** kif ukoll li dakinhar tal-incident kien mar fuq il-post jinvestiga l-kollizjoni PS614 Saviour Garzia. Il-konvenut eccepixxa fit-tielet eccezzjoni tieghu li l-istess agent tas-socjeta` attrici ossija England Insurance Agency Limited assumew ir-responsabbilta` f'isem l-assigurati taghom (konjugi cassar) b'ittra datata tad-19 ta' Novembru 1999, Dokument "EG1" li kopja tieghu tinstab a fol 18 tal-process. Infatti fil-parti ta' isfel tieghu riferibbilment ghal ***NOTES*** jinghad "with reference to the claim in caption and to our telecom please note that we are accepting liability" u din tinstab indirizzata lil Micallef Insurance u mibghuta minn England Insurance Agency Limited. Gie prodott ukoll Salvino Zammit li esebixxa l-ittra Dokument "SDX" a fol 109 u fiha jinghad "and have pleasure to attach our cheque for the amount of Lm1510 as per your request to put the matter in order.

Kindly send us fortwith the discharge receipt and instruction to the garage holding on the wreck so that we may be able to collect same immediately" u ffirmata minn Salvino Zammit ghal England Insurance Agency Limited. Salvino Zammit semma li hu ma jafx jekk kenitx intbaghtet jew le. Meta xehed Emanuel Galea a fol 83 hu semma li Sean Mifsud ***Claims Officer*** ma' England Insurance kien qallu li qed jaccettaw it-tort u kien qallu li ahjar jibghatlu xi haga bil-miktub fejn fil-fatt dan baghatlu n-nota li ssemmiet aktar 'il fuq u li tinstab a fol 18 tal-process. Minn hawn jirrizulta li s-socjeta` assikuratrici kienet assumiet ir-responsabbilta` ghall-incident u ntlahaq ftehim dwar l-ammont hekk likwidat u dovut bhala pagament u infatti li kien fadal biss kien li England Insurance Agency Limited tirtira l-vettura bhala ***wreck*** u tghaddi c-***cheque*** relattiv. L-atturi jsostnu li huma ma kienux accettaw ir-responsabbilta` ghall-incident.

Issa l-Qorti hi certament tal-fehma li jekk jinghad xi kliem dwar responsabbilta` fil-mument tal-kollizjoni dan jista' jkun li ma jkunx ***binding*** taht certu aspetti izda ittra bhal dik li tirrizulta fil-process a fol 18 fejn giet accetata r-responsabbilta` bil-kliem car "that we are accepting liability" miktuba wara li ghaddew tlett gimghat mill-incident mid-ditta assiguratrici certament li jinghata l-piz lilha. Dan hu dokument li jorbot bir-responsabbilta` lis-socjeta` assiguratrici ma' terzi persuni. Li kieku wiehed kellu jasal ghal konkluzjoni differenti naslu fi stat fejn jispiccaw jhorbtu biss is-sentenzi u l-atti pubblici u timblokka dartba ghal dejjem korrispondenza bejn djar assiguratrici anke fuq semplici kollizjoni. Illi ghalhekk issib li t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi milqugha. Naturalment f'dan l-istadju jkun inutli li l-Qorti taghmel il-kostatazzjonijiet taghha dwar responsabbilta` ghall-incident u l-elementi ohra necessarjament involuti bhal ***tyre marks*** u cpar u l-verzjonijiet moghtija mix-xhieda li anke jekk stess iwassluha ghall-konkluzjoni opposta ghal dik milhuqa mis-socjeta` assiguratrici xorta wahda minhabba dak li ntqal fuq dan jigi rez bla valur.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenut.

Spejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------